MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2014

Numru. 622/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Leonard Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi **Leonard Camilleri**, iben Joseph u Mary neé Rapa, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-2 ta' Awwissu 1984, residenti Camilleri, Triq l-Ghadira, Kercem, Ghawdex u detentur tal-Karta' tal-Identita' bin-Numru 31584(G) li gie akkuzat talli nhar it-28 ta' Awissu 2013, u fil-granet ta' qabel gewwa Ta' Kercem, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer f'hinjiet differenti:

1. zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbit taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Fjamingu *Phoenicopterus ruber* (inkluz fi Skeda I), kontra id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx gie ddikjarat u registrat mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma nghata l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita Kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) tal-Avviz Legali 79 ta' l-2006 hekk kif emendat;

2. zamm ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioé Fjamingu *Phoenicopterus ruber* (inkluz fi Skeda I) meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dak l-ghasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-Avviz Legali 79 ta' l-2006 hekk kif emendat;

3. naqas milli jzomm fil-pussess tieghu u ghall-perjodu kollu li kien fil-pussess ta' kampjun, il-permessi, certifikati u dokumenti ohrajn kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-awtorita' kompetenti li dak il-kampjun ma kienx miksub kontra d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-

Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-Avviz legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li timponi l-multa applikabbli taht ir-Regolament 27(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenza jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet riaffermata minnu wara li l-Qorti taghtu zmien bizzejjed jirrikunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, il-Qorti, wara li rat Regolamenti 4(1)(e) u 4(1)(f) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, issib lill-imputat Leonard Camilleri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa kumplessiva ta' elf Euro (€1000.00) li ghandha tithallas f'rati mensili ta' hamsa u sebghin ewro (€75) bl-ewwel pagament dovut fl-ahhar ta' Mejju 2014

Il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tal-kacca tal-imputat ghal zmien sena mil-lum.

*Inoltre,* il-Qorti tordna l-konfiska tad-Dokument "SG 3" ezebiet f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------